# Biedja u Sajd



Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent
biedjausajd.mrae@gov.mt


## Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm


David Mallia (Uffiċjal Xjentifiku) u
Dr David Mifsud (Uffiċjal Prinċipali Xjentifiku)


Problema kbira li dan l-aħħar qiegħda tissemma' ħafna fuq il-palm hija propju dik tar-***Red Palm Weevil***, bil-Malti Bumunqar Aħmar tal-Palm. Din il-ħanfusa tagħmel ħsara kbira fuq il-palm għax l-istadji larvali jgħawru u jieklu miz-zokk prinċipali u jikkawżaw il-mewt tal-palma. Xi kultant ikun hemm aktar minn 80 dudu fiz-zokk tas-siġar. Peress li l-palm huma siġar li jdumu biex jikbru u jintużaw ħafna biex isebbħu l-ambjent, bħalissa hawn ħafna pressjoni sabiex dan l-insett ma jiġix introdott f'aktar pajjiżi minħabba l-importazzjoni tal-palm. Fil-qosor f'dan l-artiklu se naraw x'inhu dan l-insett, xi ħsara jagħmel, l-oriġini tiegħu u kif wieħed jista' jikkontrollah.


Lulju/ Awissu 2007
ħarġa nru. 197


## Biedja u Sajd


Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm 1
Iltqajna ma'... 2
Il-kwalita ta' l-ilma għat-tisqija 4
4 Korsijiet imnedija mill-Istitut tal-Agrikoltura fl-Universita' ta' Malta 5
Il-Pankrazju 8


### Morfoloġija

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm (Fig. 1) huwa magħruf bl-isem xjentifiku ta' *Rhynchophorus ferrugineus*. Bl-Ingliż huwa magħruf bħala *Red Palm Weevil*, u jappartjeni fl-Ordni tal-ħanfus, mal-grupp tal-bumunqari.

Din il-ħanfusa hija pjuttost kbira fid-daqs, bejn 2 u 5 ċentimetri tul. Il-munqar prominenti kemxejn imgħawweġ, il-kulur ħamrani lewn is-sadid u t-tikek suwed huma karatteristiċi ta' dan l-insett. Il-ġwienaħ ta' dan l-insett huma b'saħħithom, għaldaqstant kapaċi jtir distanzi konsiderevoli, madwar kilometru mingħajr waqfien.



*Fig.1: Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm adult*

### Ċiklu Bijoloġiku u l-ħsara Kkawżata

Il-ħsara li ssir lis-siġar tal-palm hija kkawżata primarjament mill-*larva* (Fig. 2). Dawn il-*larvae* jagħmlu ħsarat kbar; anke *larva* wieħed kapaċi jagħmel ħsara konsiderevoli, u anke saħansitra jikkawża l-mewt tal-palma.

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm adult (mara) tbid madwar 200 bajda mal-bażi ta' weraq li jkun għadu żgħir, jew ġo feriti preżenti fiz-zokk. Dawn il-bajd jieħdu madwar tlett ijiem biex ifaqqsu, u l-perjodu tal-*larva* jieħu madwar xahrejn, filwaqt li l-perjodu tal-pupa jdum tliet ġimgħat. Dawn il-figuri jistgħu jvarjaw skond ir-reġjun.

Il-*larvae* jieklu billi jħaffru l-palma minn ġewwa, fejn jagħmlu ħafna ħsara. Huwa diffiċli biex tinduna minn kmieni li l-palma hija infestata bil-Bumunqar Aħmar tal-Palm, għax il-*larva* jibda ċ-ċiklu tiegħu ġewwa l-palma, u normal-

*ikompli f'paġna 7*

# Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm

ikompli minn paġna 1

ment ma jitlax fil-wiċċ tas-siġra. Għaldaqstant, l-*larvae* ma jidhrux, u lanqas is-sintomi tal-ħsara li tkun qiegħda ssir. Ħafna drabi, meta wieħed jibda jara' l-ewwel sintomi, ikun tard wisq għax diġà tkun saret wisq ħsara. Qed isiru studji fuq kif wieħed jista' jutilizza l-ħsejjes tal-*larvae* li jinstemgħu minn ġoz-zokk tal-palma b'apparat speċjali biex jinduna minn kmieni jekk hemmx id-dudu preżenti.

Meta l-infestazzjoni tkun avvanzata, wieħed jista' jilmaħ likwidu magħqud ta' lewn kannella mal-palma, u anke frak u biċċiet ta' fibri ħerġin minn ġo toqob żgħar li jkunu tħaffru minn dan l-insett. It-taħsir fil-palma jikkawża wkoll riħa karatteristika. Barraminhekk, il-weraq tal-palma jibdew jisfaru u jitbielu, u xi weraq ċentrali jinqalgħu faċilment minħabba t-taħsir fuq ġewwa.

**Distribuzzjoni ġeografika**

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm oriġina fl-Asja tropikali. Peress li dan l-insett kapaċi jadatta ruħu tajjeb ħafna għal klimi differenti, malajr xtered fl-Afrika u fl-Ewropa, u laħaq ir-reġjun Mediterran fit-tmeninijiet. Instab fi Spanja fl-1994, fl-Israel u l-Ġordan fl-1998/99, u fi Franza, fl-Italja, fil-Mallorca, fil-Greċja u f'Ċipru fl-2006. Oriġinarjament dan l-insett kien jgħix fuq is-siġar tal-*coconut*, imbagħad beda jattakka s-siġar tal-palm f'diversi postijiet.

Il-kawża prinċipali ta' din ir-rata għolja ta' firxa tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm hija t-trasportazzjoni ta' siġar tal-palm minn postijiet infestati b'dan l-insett.

**Kontroll**

Il-Bumunqar Aħmar tal-Palm fil-preżent huwa meqjus bħala l-iktar insett li qiegħed jagħmel ħsara



*Fig.2: Il-larva tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm*

fis-siġar tal-palm madwar id-dinja. Fir-reġjun tal-Mediterran, iż-żewġ speċi ta' palm ikkonċernati huma: *Phoenix dactylifera* u *P.canariensis*, imma dan l-insett jista' jattakka speċi ta' palm ornamentali ieħor. Għaldaqstant, għandhom jittieħdu miżuri biex tiġi kkontrollata l-firxa allarmanti ta' dan l-insett.

Ġew ippruvati diversi metodi biex jiġi kkontrollat il-Bumunqar Aħmar tal-Palm. Waħda minn dawn il-metodi hija l-użu ta' nases bil-feromoni. Dawn il-feromoni huma sustanzi li tipproduċi l-insett mara biex tattira lejha insetti rġiel. B'hekk l-irġiel tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm jinqabdu fin-nassa minħabba din is-sustanza.

Metodu ieħor li ntuża f'ċerti postijiet biex isalvaw palm infestat huwa kontroll kimiku li jsir billi jintefa' l-pestiċida ġoz-zokk tal-palma. Metodu ieħor li ppruvaw biex jiġu salvati l-palm huwa li jinjettaw ġoz-zokk nematodi li jagħmlu ħsara lil dan l-insett (dawn in-nematodi jissejħu entomopatoġeniċi). Dawn in-nematodi, ladarba jkunu fis siġra, ifittxu l-insett qerriedi, iħaffru ġo fih u jerħu *bacterium* li jikkawża l-mewt ta' l-insett f'perjodu ta' tlett ijiem. Dan it-tip ta' kontroll huwa magħruf bħala kontroll bijoloġiku.

Għalkemm dawn il-metodi li semmejna jagħtu riżultati tajbin fil-laboratorju, mhumiex daqstant effiċjenti fil-prattika. Dan għaliex hija diffiċli ħafna biex tilħaq l-istadji kollha taċ-ċiklu ta' dan l-insett ġewwa l-palma, anke b'injezzjonijiet intensivi u ripetuti. Barraminhekk, attività intensiva bħal din hija impossibbli f'postijiet li għandhom numru kbir ta' siġar tal-palm, minħabba raġunijiet ekonomiċi u prattiċi.

Importanti li siġar tal-palm infestati bil-Bumunqar Aħmar tal-Palm, jew inkella mejta, għandhom jitneħħew mill-ewwel u jinħarqu, u l-post għandu jinżamm nadif. Wieħed irid joqgħod attent ħafna biex ma jikkawżax feriti fiz-zokk tal-palma għax feriti jew toqob huma postijiet ideali fejn il-Bumunqar Aħmar tal-Palm ikun jista' jbid. Għalhekk, feriti jew toqob fil-palma għandhom jiġu mgħottija.

**Konklużjoni**

Kif rajna, għadu ma jeżistix metodu effiċjenti biżżejjed biex jelimina l-Bumunqar Aħmar tal-Palm mill-bidu. Għaldaqstant, huwa importanti ħafna li jkun hemm kontroll strett fuq l-importazzjoni tas-siġar tal-palm jekk ma rridux li jkollna xi infestazzjoni ta' dan l-insett. Però, f'siġar tal-palm adulti, jista' jkun hemm moħbija insetti u mard li ma jkunux indunaw bihom, bħal, f'dan il-każ, bajd u *larvae* tal-Bumunqar Aħmar tal-Palm. Għaldaqstant, wieħed għandu joqgħod b'seba' għajnejn fejn tidħol l-importazzjoni ta' siġar tal-palm minn pajjiżi infestati b'dan l-insett.■